# Din it-Triq Tagħna Strada Rjali



*kitba ta' Joe C. Cordina*

Hija ironija kbira li l-Ħamrun li kien jikkonsisti f'biċċiet ta' art kbar, għelieqi u ġonna llum huwa mimli kollu bit-toroq u l-bini. Il-Ħamrun kien lokal imfittex għal vaganzi tas-sajf, iżda llum hu pajjiż fgat mingħajr spazji għas-serħan tal-ġisem u tal-moħħ, tant li ħlief għal-pjazza San Pawl, jew kif nafuha aħna l-Ħamruniżi, Pjazza Fra Diegu li anke din wara li suppost ġiet modernizzata kompliet ċkienet, il-ġnien żgħir fiż-żona tar-Rabbat, u roqgħa art oħra ddedikata lil Oreste Kirkop, ma għandniex spazji oħra fejn aħna l-Ħamruniżi nistgħu nqattgħu ftit tal-ħin. Barra minn hekk, kellna daqsxejn ta' playing field f'post ċentrali li ttieħdet biex inbena parking taħt l-art għal karozzi u uffiċini għal Kunsill Lokali.



Għaldaqstant huwa loġiku li t-triq prinċipali tal-Ħamrun li tibda mill-Blata l-Bajda u tibqa' sserrep 'il fuq sa Fleur de Lys hija l-aktar post popolari tagħna l-Ħamruniżi. L-isem uffiċċjali ta' din it-triq huwa Triq il-Kbira San Ġużepp iżda għalina hi magħrufa bħala Strada Rjali. U l-Ħamruniżi jużaw Strada Rjali għal kollox. Min imur biex jixtri, min imur biex jiltaqa' mal-ħbieb u biex jgħaddi ftit taż-żmien.

Din it-Triq m'hix biss hija miżgħuda b'għadd kbir ta' ħwienet ta' kull għamla u li jbigħu għadd kbir ta' prodotti differenti u tilqa' fiha anke fergħat tal-banek ewlenin, iżda wkoll ħwienet tax-xorb u ristoranti. Ta' min jgħid ukoll li partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam il-kummerċ, Strada Rjali kellha numru kbir ta' ħwienet li kienu jbigħu l-għamara miġburin ħdejn xulxin fl-inħawi ta' bejn il-Blata l-Bajda u l-Pjazza u dak iż-żmien kull min f'Malta kien ikun irid xi sett tal-għamara tas-sodda, sufan jew kwalunkwe biċċa għamara oħra kien jiġi l-Ħamrun biex jixtriha. Din il-parti tat-triq kienet tkun attiva ħafna bi trakkijiet kbar iħottu u jgħabbu l-għamara.

Fi Strada Rjali nsibu wkoll iż-żewġ Każini tal-Baned, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp u l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, il-Każin tal-Ħamrun Spartans, il-Kumitat Ċiviku tal-Ħamrun (għalkemm il-bieb hu l-ewwel wieħed fi Triq Anton Buttiġieġ), il-Każin tal-Partit Laburista u l-Każin tal-Partit Nazzjonalista. Il-Knisja Parrokkjali dedikata lil San Gejtanu tinsab f'din it-triq, kif inhi wkoll il-Knisja ta' Porto Salvo jew kif inhi magħrufa mal-Ħamruniżi bħala ta' Santu Nuzzu. Anke l-Kappella fejn hu midfun San Ġorġ Preca qiegħda f'din it-triq, bħal ma hemm ukoll id-Dar għall-Anzjani *Little Sisters of the Poor*. F'din it-triq kellna wkoll tliet teatri taċ-ċinema, it-*Trianon* quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu,



il-*Hollywood* kważi quddiem il-Pjazza eżattament quddiem il-*Little Sisters of the Poor*, u r-*Radio City* li qabel ma sar teatru taċ-ċinema kien teatru lussuż li fih saru diversi spettakli tal-Opri, l-operetti u spettakli oħrajn. Fir-*Radio City* anke kantaw kantanti internazzjonali, kemm tal-mużika operistika kif ukoll ta' mużika leġġera. Il-Kor tal-Ħamrun taħt it-tmexxija tal-mibki Dun Ġużepp Cachia kien ta l-ewwel preżentazzjoni tiegħu tal-Oratorju ta' Friedrick Handel *The Messiah* fir-*Radio City*. Ftit tas-snin ilu r-*Radio City* kien spiċċa minn teatru u nxtara mill-Partit Laburista li biddlu fi Kwartieri Ġenerali tiegħu. Ftit 'il fuq mir-*Radio City* kien hemm ukoll sptar tal-għajnejn u skola fejn kienet tiġi mgħallma l-ħjata.

U dawn li semmejna huma biss dawk li llum qegħdin fil-parti ta' Strada Rjali li tagħmel mal-Ħamrun għax sa ftit ilu din it-Triq kienet tibda mill-Blata l-Bajda u tispiċċa fi Fleur de Lys u allura kellha iktar bini sinifikattiv li jagħmel parti minnha. Iżda llum il-parti ta' fuq tagħmel mal-Paroċċa ta' Santa Venera u allura l-bini storiku u sinifikattiv li qiegħed f'din il-parti tagħmel mal-konfini ta' Santa Venera. Fil-fatt f'din il-parti nsibu l-Istitut ta' Apap li jilqa' fih anzjani u persuni b'ċerta diżabbilità u li jieħdu ħsiebu s-Sorijet Dumnikani u l-Istitut ta' Cini. Dan l-Istitut fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kien jintuża bħala sptar u bosta Ħamruniżi twieldu fih u peress li kien żmien il-gwerra kienu jibżgħu li t-trabi setgħu jmutu u għalhekk kif jitwieldu kienu mill-ewwel jgħammduhom fl-eqreb knisja li kienet dik ta' Santa Venera (l-antika) li kienet titmexxa mill-Patrijiet Karmelitani. Wara l-magħmudija jingħad li l-missirijiet Ħamruniżi kienu jikru karozzin u jiġru bit-trabi lejn id-djar tagħhom fil-Ħamrun biex jkunu magħrufa li huma Ħamruniżi. Dan l-Istitut kien jitmexxa mis-Sorijiet tal-Karita' u wara l-gwerra serva bħala orfanatrofju għall-bniet. Ftit ilu minħabba nuqqas ta' staff u peress li anke l-orfni kienu naqsu sew, is-sorijiet telqu dan l-Istitut u ħallew f'idejn familja biex jieħdu ħsieb xi tfajliet li kellhom problemi matrimonjali. Ilum dan l-Istitut hu magħruf bħala Dar il-Qalb ta' Ġesu. Ftit 'il fuq hemm id-Dar magħrufa bħala Dar tal-ljuni li kienet intużat bħala Kwartieri Ġenerali mill-Maltin meta qamu kontra l-Franċiżi u li llum qiegħed tintuża mis-Segretarjat għaż-żgħażagħ u Sports. Ma'ġenba hemm l-Istitut Tekniku Vincenzo Buġeja li kien il-pijunier tal-Istituti Tekniċi tal-lum. Dan l-Istitut kien imbagħad użat bħala post fejn kienu jinżammu tfal delinkwenti li kienu kkommettew xi reat. Lokalment kien magħruf bħala s-Salvatur u l-ġenituri ta' dak iż-żmien kemm-il darba kienu jbeżżgħu lil uliedhom li jekk ma joqogħdux bil-għaqal kienu jibagħtuhom is-Salvatur. Ilum dan il- post iħaddan fih iċ-ċentru għal ħidma Soċjali li jagħmel parti mill-Ministeru tas-Servizzi Soċjali. Żewġ passi bogħod tinsab il-kappella ta' San Ġużepp u l-Istitut ta' San Ġużepp kif ukoll il-Konsevatorju Vincenzo Bugeja. Hemm ukoll il-monument storiku tal-Akwadott, is-sistema ta' kanali tal-ilma fuq arkati li kien bena l-Gran Mastru Alof de Wignacourt biex iwassal l-ilma mir-Rabat sal-Belt Valletta. Dan l-aħħar f'din it-triq żdiedet ukoll il-Knisja ġdida Parrokkjali ta' Santa Venera u minn hawn u ftit ieħor se jkun hemm ukoll il-Każin tal-Banda Santa Venera.



U barra mil-bini storiku, din it-Triq hija marbuta wkoll ma' avvenimenti u attivitajiet li jseħħu fil-Ħamrun bħall-festa ta' San Gejtanu manifestazzjonijiet jew ġrajjiet oħra organizzati fuq skala nazzjonali bħal dimostrazzjonijiet mill-partiti politiċi. Matul iż-żmien, Strada Rjali rat ukoll bosta funerali ta' personalitajiet distinti u anke tal-ewwel Qaddis Malti Dun Ġorġ Preca li kien joqgħod f'din it-triq stess bieb ma' bieb mal-post li qabel kien ir-raba' każin tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu. Min din it-triq għaddew ukoll żewġ Papiet li żaru Malta u minbarra diversi purċissjonijiet f'din it-Triq saru wkoll parati tal-Karnival. Anke annimali mhux tas-soltu għaddew minn din it-triq bħal meta ċ-ċirku li jkun Malta jkun irid jagħmel xi ftit tal-pubbliċita'. Hu x'inhu din it-Triq dejjem kien ta' okkażjoni ta' ċertu kobor u hija popolari ma' min ikun irid jorganizza xi manifestazzjonijiet ta' din ix-xorta. Ta' min isemmi wkoll li sa ftit taż-żmien ilu u min għandu ċerta età żgur li jiftakar li bejn ll-Knisja ta' San Gejtanu u Pjazza San Pawl, Strada Rjali kienet popolari ħafna maż-żgħażagħ għall-passiġġati fuq il-bankina filgħaxija, fejn kienu jistgħu jiltaqgħu flimkien bħalma kienet il-Belt Valletta.

Fi Strada Rjali nsibu wkoll għadd ta' Sqaqien speċjalment mill-Knisja 'l isfel. L-ewwel sqaq li nsibu aħna u neżlin lejn il-Blata l-Bajda fuq in-naħa tax-xellug, huwa Sqaq il-Forn li kien jissejjaħ hekk minħabba li fih kien hemm forn magħruf mal-Ħamruniżi ta' dawk l-inħawi. Imbagħad aktar 'l sfel mill-pjazza, preċiżament kantuniera mad-Dar tal-*Little Sisters of the Poor* hemm Sqaq San Pawl. Dan l-isqaq kien magħruf sew mal-familji ta' dawn l-inħawi għax fih kien hemm razzett u f'kamra ta' dan ir-razzet kienet tiġi mgħallma d-dutrina lit-tfal. Dan it-tagħlim kien isir minn waħda Sinjura li kienet toqgħod Strada Rjali quddiem il-Pjazza San Pawl. Meta nsemmi din il-ħaġa mall-ewwel inħoss

is-sensazzjoni tar-riħa tal-annimali li kont inxomm waqt il-lezzjonijiet li kont nsegwi fuq bankijiet tal-injam. Fil-Milied, din is-Sinjura għax hekk konna nsejħulha kienet tibgħat għalina wieħed wieħed u tagħtina rigal. Dan l-isqaq għamel żmien jissemma' wkoll għax quddiemu kien sar delitt f'jum il-Festa ta' San Gejtanu filgħodu meta waqt ġlieda inqatel raġel magħruf bħala t-Tripolin. Ftit iktar 'l isfel minn dan l-isqaq hemm sqaq ieħor bl-isem ta' Sqaq Sant' Antnin li fit-tarf tiegħu mal-ħajt hemm l-istatwa ta' dan il-Qaddis. Aktar lil hinn faċċata malli taqsam it-triq hemm Sqaq il-Qasab imsemmi hekk minħabba li fih kienu u għadhom jaħdmu l-qasab li wara l-għamara, dawn l-inħawi kienu magħrufa għalih. Dan l-Isqaq hu magħruf ukoll għall-fatt li r-reffiegħa tal-vara ta' San Gejtanu jittrenjaw fih billi jimxu u jiġru b'piżijiet biex jitħejjew għall-irfigħ tal-vara waqt il-purċissjoni tal-Festa u għall famuża ġirja bil-vara tul it-taraġ taz-zuntier tal-Knisja San Gejtanu. L-aħħar sqaq li niltaqgħu miegħu f'din iż-żona ma għandux isem u l-anqas huwa proprjament sqaq għax hu magħmul minn sempliċi daħla li twassal għal Triq Nażżarenu. Dan l-isqaq kien popolari ħafna bħala *short-cut* għall-Marsa u speċjalment għat-tfal li kienu jmorru l-Mużew li kien hemm fi Triq Nażżarenu. F'dan il-Mużew spiss kien jiġi San Ġorġ Preca u jien niftakar li x-xufier tiegħu kien jipparkja l-karozza biswit dan l-isqaq minn naħa ta' wara.

Ta' min jgħid li Triq il-Kbira San Ġużepp ma kinitx minn dejjem kif nafuha llum. Din it-Triq kienet idjaq u l-bankina kienet wiesgħa ħafna u fuq iż-żewġ naħat kien hemm ringiela siġar tul it-triq kollha. Dawn is-siġar maż-żmien tneħħew u l-bankini djiequ peress li t-traffiku li jgħaddi minn din it-triq kien żdied sew għax ta' min jgħid li l-Ħamrun huwa post ċentrali u din it-triq prinċipali minn dejjem kienet tintuża bħala passaġġ utli għal kull mezz ta' transport, ibda mill-karettuni għall-karozzi moderni tal-lum. Minn Strada Rjali tagħna kien jgħaddi wkoll it-Tram, li kien mezz ta' transport li għalkemm f'Malta ma baqax jintuża għadu jintuża f'bosta bliet Ewropej u oħrajn madwar id-dinja. Bix-xieraq li wieħed ifakkar li paralleli ma' din it-triq kienet tgħaddi wkoll il-ferrovija li kienet topera f''Malta u li kellha stazzjon fil-Ħamrun, preċiaament wara l-bini tad-Dar tal-*Little Sisters of the Poor* f'bini li llum qed jintuża mill-Ħamrun Boys Scouts u l-Ħamrun Girl Guides.

Mad-dawra tagħna matul Strada Rjali ma nistgħux ma nsemmux ukoll lill Pjazza San Pawl li kif ġie mqassam il-Ħamrun ġiet kważi fin-nofs ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Din il-Pjazza kellha siġar kbar madwar it-trufijiet tagħha u taħthom kellha bankijiet fejn wieħed seta' jistrieħ. Filgħaxija meta kien jibda jidlam dawn is-siġar kienu jiġu miżgħuda bil-ħsejjes tal-għasafar hekk kif dawn kienu jirritornaw mill-mawriet tagħhom. Ħasra li meta ġiet irranġata l-Pjazza dawn is-siġar kbar inqalgħu u ħasra wkoll li l-ispazju li kienet toffri din il-Pjazza ġie mimli u fgat b'konki tal-ġebel u b'siġar u minn bankijiet biex din il-Pjazza tilfet il-fisjonomija u l-karatteristika tagħha. Din dejjem kienet ċentru popolari biex fiha jiġu organizzati diversi manifestazzjoni u attivitajjiet kemm minn Għaqdiet Ħamruniżi u kemm minn Organizzazzjonijiet Nazzjonali. Uħud minn dawn tal-aħħar taw bidu għall-ħajja tagħhom b'attivitajjiet organizzazati f'din il-Pjazza. Uffiċċjalment din il-Pjazza għandha t-titlu ta' Pjazza San Pawl iżda lokalment hi magħrufa bħala Pjazza Fra Diegu minħabba li f'nosha hemm il-monument kbir ta' Fra Diegu Bonanno. Monument ieħor li hemm fiha iżda ta' statura ħafna iżgħar hu dak li waqqaf il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun biex ifakkar it-Tielet Millenium u s-sena l-oħra twaqqfet tifkira oħra iżda minflok monument tħawlet siġra kommemorattiva mis-Sindku tal-Ħamrun u mis-Sindku ta' Carpineto Romano biex tfakkar il-ġemellaġġ li kien sar bejn il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun u l-Comune ta' Carpineto Romano fl-Italja.

U la qeghdin insemmu dan il-ġemellaġġ ma nistgħux ma nsemmux l-avveniment li sar fil-Ħamrun u fi Strada Rjali meta permezz ta' dan il-ġemellaġġ fil-Ħamrun ġie organizzat il-festival annwali f'Carpineto Romano. L-organizzazzjoni ta' dan il-festival mill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun megħjun minn erba' membri tal-*Ħamrun Youth Initiatives Association*, Omar Bugeja, Maria Borg, Joe C.Cordina u Renè Monsigneur kienet tant tajba u l-proġett taħt l-awspiċi tal-Programm tal-Unjoni Ewropea tant kien suċċess li l-Kunsill Lokali tal-Ħamrun ingħata l-premju prestiġjuż magħruf bħala l-*Golden Stars Award* mill-istess Unjoni Ewropea, li hu l-ewwel u l-uniku Kunsill Lokali f'Malta li rċieva dan il-Premju. Il-Palio kif inhu magħruf dan il-Festival jikkonsisti primarjament f'tiġrijiet taż-żwiemel, bil-ġerrejja libsin ilbies tal-epoka u b'parati minn persuni libsin ukoll b'ilbies tal-epoka flimkien ma' grupp ta' Sbanderatori żgħażagħ li jilagħbu bil-bnadar, iddoqqu t-trumbetti u t-tnabar. Dan kien avveniment li bidel parti minn Strada Rjali, li ġiet miksija b'materjal apposta, f'korsa taż-żwiemel. Bejn bil-bnadar li żejnu t-triq u bejn il-kostumi tad-diversi personaġġi li ħadu sehem flimkien mal-grupp Malti tar-re-enactment magħruf bħala l-*In Guardia*, u l-iScouts u l-*Girlguides* tal-Ħamrun, l-ispettaklu fi Strada Rjali kien wieħed uniku.

Kif inhu uniku wkoll l-ispettaklu li toffri din it-triq fil-festa tal-Patrun tal-Ħamrun San Gejtanu. Tul il-ġimgħa tal-festa din it-Triq tkun mimlija b'nies jassistu għall-marċi miż-żewġ baned tagħna. Nhar il-Festa filgħodu mbagħad Strada Rjali tkun baħar sħiħ ta' kuluri u briju hekk kif iż-żewġ baned tagħna jinżlu fit-triq għall-marċi kbar li llum huma magħrufa ma' kulħadd. Il-Ħadd filgħaxija mbagħad din it-Triq terga' timtela bin-nies biex jassistu għal purċissjoni bil-vara maestuża ta' San Gejtanu u wara għall-ġirja spettakolari bil-vara matul it-taraġ taz-zuntier u b'hekk tingħalaq ġrajja oħra marbuta ma' din it-Triq.

Din il-ħarsa fuq fuq dwar Triq il-Kbira San Ġużepp, li għalina l-Ħamrunizi nsibuha bħala Strada Rjali żgur urietna kemm din it-triq hija marbuta ma' bosta tifkiriet li lilna Ħamruniżi żgur timliena b'nostalġija iżda anke tagħtina sens ta' kburija li fis-subborg tagħna għandna triq ferm kbira, wisq magħrufa u mimlija b'tifkiriet.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.